MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2006

Citazzjoni Numru. 275/1995/1

**Alfred Vella f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Xemxija Hotels Limited***

***Versus***

**Kummissarju tal-Pulizija u Louis Cilia bħala *chairman* tal-Bord tal-Pariri dwar Liċenzji tal-Pulizija u in rappreżentanza ta' l-istess Bord tal-Pariri, kif ukoll Norman Bezzina u Dr Joseph Troisi bħala membri ta' l-istess bord, u Rita Vella Brincat bħala segretarja ta' l-imsemmi Bird tal-Pariri**

F'din il-kawża l-atturi qegħdin ifittxu li jwaqqgħu liċenzja maħruġa mill-Kummissarju tal-Pulizija ["il-Kummissarju"].
Iċ-ċitazzjoni tgħid illi l-attur joqgħod fi Triq il-Pwales, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar u huwa s-sid tal-lukanda *Xemxija Bay Hotel*, f'San Pawl il-Baħar.
Il-Bord tal-Pariri dwar Liċenzji tal-Pulizija ["il-Bord"], fuq talba ta' Paul David Gauci, kien ta parir li tinħareġ liċenzja tan-negozju mill-Kummissarju lill-istess Paul David Gauci

dwar il-fond numru wieħed (1), Triq il-Pwales, ix-Xemxija, San Pawl il-Baħar. Wara dan il-parir, il-Kummissarju ħareġ il-liċenzja lil Michael Farrugia f'isem *Riviera Limited*. Il-ħruġ ta' din il-liċenza, igħid l-attur, hija ta' dannu għalih kemm bħala ġâr tal-lokal kif ukoll bħala sid tax-*Xemxija Bay Hotel*.

Ir-*restaurant* [li dwaru nħarġet il-liċenzja] qiegħed taħt arja proprjetà tas-soċjetà attriċi; din l-arja sejra tinbena fi żmien qasir biex issir ħaġa waħda mal-lukanda, u d-dħaħen li joħorġu miċ-ċumnija tar-*restaurant* sejrin joħorġu fix-*shaft* tal-kmamar tas-sodda tal-lukanda u hekk joħolqu inkonvenjent serju u perikolu għas-saħħa tar-residenti.

Fit-talba tiegħu biex tinħareġ liċenzja Paul David Gauci kien stqarr illi huwa kien is-sid tal-post, u dan għamlu meta, fit-30 ta' Novembru 1993, ittrasferixxa r-*restaurant* lil *Riviera Limited*, u hekk jiġi li għamel stqarrija falza. Il-Bord kien tkellem ma' Paul David Gauci bil-ġurament fil-11 ta' Mejju 1994, u t-trasferiment kien sar b'att pubblikat min-Nutar Maurice Gambin fit-30 ta' Novembru 1993, u għalhekk fil-11 ta' Mejju 1994 Gauci ma kienx għadu s-sid tar-*restaurant*.

Il-Bord kien jaf li Gauci kien ittrasferixxa r-*restaurant* b'kuntratt tat-30 ta' Novembru 1993, u għalhekk kien jaf illi fit-talba għal-liċenzja kienet saret stqarrija falza. Il-Kummissarju wkoll kien jaf b'dan għax kien mgħarraf u ngħata wkoll kopja tal-kuntratt qabel il-ħruġ tal-liċenza.

Il-Bord, ikompli jgħid l-attur, ma setax jagħti parir illi tinħareġ il-liċenzja lil Gauci għax dan ma kienx is-sid, u l-Kummissarju ma setax joħroġ liċenzja lil *Riviera Limited* għax ma kienx ingħatalu parir biex jagħmel hekk għax il-parir tal-Bord kien li l-liċenzja tinħareġ lil Gauci.

Il-konvenuti kienu msejħa biex iħassru l-liċenzja, iżda baqgħu ma għamlu xejn. L-atturi għalhekk fetħu din il-kawża u qegħdin jitolbu illi l-qorti:

1. tgħid illi l-parir mogħti mill-Bord ingħata *in mala fide*, bi ħsara għall-jeddijiet ta' l-atturi;
2. tgħid illi l-permess ingħata mill-Kummissarju "invalidament u irregolarment"; u
3. tgħid illi ma tiswiex il-liċenzja maħruġa mill-Kummissarju.

Qegħdin jitolbu wkoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' protesti ġudizzjarji ippreżentati kontra l-konvenuti.
Il-konvenuti ressqu dawn l-eċċezzjonijiet:
1. l-attur ma għandux interess ġuridiku biex iżomm lil ħaddieħor milli jkollu liċenzja biex imexxi n-negozju tiegħu, u jqiegħed lilu nnifsu bħala garanti tad-drittijiet ta' terzi; barra minn hekk, l-azzjoni tiegħu hija infondata għax dawn il-liċenzji jingħataw mingħajr preġudizzju għad-drittijiet ta' terzi;
2. il-Bord u l-membri tiegħu ma humiex kontraditturi leġittimi f'din il-kawża, u għandhom jinħelsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, għax kull ma jagħmel il-Bord hu li jagħti pariri u ma għandux setgħa esekuttiva awtonoma;
3. il-qorti ma għandhiex ġurisdizzjoni biex tistħarreġ l-għemil tal-Kumissarju jew tal-Bord, skond l-art. 742 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għax dawn imxew fil-limiti tas-setgħat mogħtija lilhom mil-liġi;
4. għalkemm l-attur kellu s-setgħa taħt il-liġi li jappella mid-deċiżjoni amministrativa ta' l-eċċipjenti quddiem it-Tribunal ta' Appelli dwar Liċenzji tal-Pulizija, hu naqas milli jagħmel dan l-appell; dan ma jagħtihx dritt li jimpunja l-eżerċizzju tad-diskrezzjoni amministrativa fil-għoti ta' liċenzi sempliċement għax ma hux komdu għalih li jkollu konkorrent fil-kummerċ bieb ma' bieb miegħu, għax l-għoti ta' liċenzji hija setgħa pubblika li ma tintlaqatx mir-relazzjonijiet bejn individwi; u
5. il-Bord, għalkemm kien sema' l-lanjanzi ta' l-attur, deherlu li ma kinux ġustifikati u kien ta parir illi l-liċenzja tinħareġ.
Waqt is-smigħ tal-kawża l-konvenuti ressqu wkoll eċċezzjoni ulterjuri taħt l-art. 907(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, iżda irrinunzjaw għal din l-eċċezzjoni fis-seduta tal-21 ta' Lulju 1995.
Wara li kien awtorizzat b'dikriet tal-21 t'Ottubru 2003, il-Kummissarju kompla ressaq eċċezzjoni ulterjuri oħra li tgħid illi, bis-saħħa ta' l-Att dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ [Kap. 441], hu ma għadux aktar l-awtorità pubblika responsabbli għall-ħruġ tal-liċenzi; għalhekk ma huwiex kontradittur leġittimu u għandu jinħareġ mill-ħarsien tal-ġudizzju.
Wara li qieset sew ix-xhieda u l-atti kollha tal-kawża, din il-qorti hija tal-fehma illi l-atturi qegħdin ifittxu li jiggranfaw

ma' kull ma jsibu biex ifixklu kompetitur tagħhom fin-negozju, u qegħdin ifittxu li jinqdew bi proċeduri ġudizzjarji għal dan il-għan. Din il-kawża, fil-fehma tal-qorti, ma hijiex ħlief abbuż mill-proċess ġudizzjarju.

Li ġara hu illi ċertu Paul David Gauci kien għamel talba biex tinħariġlu liċenzja biex imexxi *restaurant* f'bini qrib il-lukanda ta' l-atturi. Waqt illi l-awtorità li kienet kompetenti dak iż-żmien kienet qiegħda tqis it-talba, Gauci bigħ il-bini lil *Riviera Limited*, u eventwalment il-liċenzja ħarġet favur *Riviera Limited*.

L-atturi għamlu allegazzjonijiet illi Gauci ħa ġurament falz għax lill-awtoritajiet qalilhom li hu kien is-sid meta ma kienx għadu sid, u illi l-awtoritajiet imxew *in mala fide* meta ħarġu l-liċenzja. Jallegaw ukoll illi l-liċenzja nħarġet ħażin għax inħarġet mill-Kummissarju lil *Riviera Limited* għalkemm il-parir tal-Bord kien li tinħareġ lil Gauci, li, iżda, ma setgħetx tinħariġlu liċenzja għax ma kienx għadu s-sid.

Li fil-fatt ġara, kif fisser il-Kuntistabbli Vincent Mifsud meta xehed fil-15 ta' Marzu 1999[1], hu illi l-applikazzjoni ta' Gauci għall-ħruġ tal-liċenzja "waqfet" u saret talba oħra minn Michael Farrugia għal *Riviera Limited*. Din it-talba ntlqgħet u għalhekk *Riviera Limited* setgħet tiftaħ *restaurant*. F'dan kollu ma ntwera li sar xejn ħażin; l-atturi fil-fatt kienu abbondanti ħafna fl-allegazzjonijiet iżda foqra għall-aħħar fl-provi, għax bħala prova konkreta tista' tgħid li ma ressqu xejn.

Jidher ċar illi din il-kawża saret għax l-atturi riedu illi r-*restaurant* ta' Gauci jixtruh huma, u kienu għamlu wkoll konvenju miegħu biex jixtru mingħandu, iżda għal xi raġuni l-bejgħ ma seħħx, u issa l-atturi qegħdin b'din il-kawża jfittxu li jfixklu lil min xtara r-*restaurant* minflokhom. Inċidentalment, l-atturi jilmentaw illi ċ-ċumnija tar-*restaurant* tiżbokka b'mod li titfa' d-duħħan fil-kmamar tas-sodda tal-lukanda tagħhom bi ħsara għas-saħħa tar-residenti, u illi, minħabba l-mod kif inhu l-bini, ma tistax tkun mod ieħor[2]; din, igħidu l-atturi, hija raġuni għala l-permess ma kellux jinħareġ. L-attur Alfred Vella iżda xehed ukoll illi fil-bidu kien ftiehem ma' Gauci illi, wara li

---

1 *Foll.* 82 *et seqq.*

2 Ara x-xhieda ta' l-attur Alfred Vella fid-seduta tal-10 t'Ottubru 1997, *fol.* 42.

Gauci jmexxi r-*restaurant* għal ħames snin, jieħdu f'idejh l-attur[3]. Milli jidher, li kieku seħħ dan il-ftehim ma kienx ikun problema li c-cumnija tar-*restaurant* titfa' d-duħħan fil-kmamar tas-sodda tal-lukanda, bi ħsara għas-saħħa tar-residenti, basta r-*restaurant* imexxih l-attur u mhux kompetitur!

Dan qiegħed jingħad mhux għax huwa tant relevanti għall-meritu tal-kawża iżda għax jikxef fil-beraħ l-*animus* li bih l-atturi għamlu din il-kawża.

Ladarba l-azzjoni hija daqshekk manifestament infondata, ma huwiex meħtieġ illi l-qorti trqis ukoll l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti.

Għal dawn ir-raġunijiet, u billi hija tal-fehma mhux biss illi ma saritx il-prova tal-premessi illi fuqhom l-atturi bnew it-talbiet tagħhom iżda anzi ntwera biċ-ċar illi din il-kawża kienet waħda frivola u vessatorja, il-qorti tiċħad it-talbiet ta' l-atturi u tikkundannahom iħallsu l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[3] Ara x-xhieda ta' l-attur Alfred Vella fid-seduta tal-21 ta' Lulju 1995, *fol.* 21.